MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 339/2008

Kawza fil-lista: 38

**A B f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem**
**ta' binha minuri C B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**D B u E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Illi hija ilha de facto separata minn ma' zewgha D B ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs circa;

Illi fil-fatt hija kienet intavolat ittra lir-Registru tal-Qrati sabiex titlob awtorizzazzjoni lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghall-firda personali minn ma’ zewgha nhar it-22 ta’ Jannar 2007;

Illi l-medjazzjoni kienet inutli tant illi r-rikorrenti kellha tinizja proceduri ghal separazzjoni personali minn ma’ zewgha nhar is-6 ta’ Marzu 2007;

Illi fil-frattemp, u cioe’ erba’ snin ilu circa, ir-rikorrent iltaqghet ma’ ragel ta’ nazzjonalita’ Sirjana, u cioe’ E F;

Illi r-relazzjoni intima ta’ bejniethom iffjorixxiet tant illi nhar l-1 ta’ Frar 2008, twieled il-minuri C;

Illi minhabba illi s-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u zewgha ghadha mhix finali, il-minuri C kellu jigi registrat fir-Registru Pubbliku bhala iben ir-ragel tar-rikorrenti D B;

Illi kemm ir-rikorrenti, kif ukoll zewgha l-intimati huma konxji tal-fatt illi l-minuri C huwa iben terza persuna u mhux iben D B;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara li E F huwa l-missier naturali tal-minuri C;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-estratt tat-twelid tal-minuri C B li jgib in-numru 514 tas-sena 2008 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi jigu sostitwiti l-kliem ‘D B’ bil-kliem ‘E F’.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda li :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha fl-ewwel lok titlob li jigi dikjarat li l-intimat D B mhux il-missier naturali tal-minuri C.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ l-intimat E F sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji jkun jista’ jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, ir-rikorrenti ghandha titlob illi jekk jintlaqghu it-talbiet attrici ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ omm it-tarbija u jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett.

4. Illi r-rikorrenti ghandha tipprova l-impossibilta’ fizika bejn il-konjugi D B u r-rikorrenti stess A B.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota prezentata mill-konvenut E F li biha ammetta t-talbiet attrici ;

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa’ kontumaci ;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mit-tabib Dottor Renald Blundell ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

---

[1] Fol.10

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici, proprio et nomine, qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel C B, li twieled mill-attrici fl-1 ta’ Frar 2008 u li gie registrat bil-kunjom B fuq l-att tat-twelid tieghu numru 514/08, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut zewgha D B,izda huwa l-wild naturali tal-konvenut l-iehor E F.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-attrici u l-konvenut D, konjugi B sseparaw de facto fis-sena 2004, u l-attrici sussegwentement, bdiet relazzjoni mal-konvenut E F ; u minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali twieled it-tifel C fl-1 ta’ Frar 2008.

Fid-depozizzjoni taghha l-attrici tikkonferma li hi ilha ma jkollha relazzjonijiet intimi mal-konvenut D B, minn xi sena qabel ma sseparaw de facto ; u li sussegwentement hi kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut E F biss. Ir-rizultati tat-testijiet xjentifici tad-DNA jaghtu konfort shih lil din it-tezi, stante li jikkorroboraw li t-tifel C huwa l-wild naturali tal-konvenut E F.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici, u tiddikjara li t-tifel C li twieled mill-attrici fl-1 ta’ Frar 2008 mhuwiex il-wild tal-konvenut D B, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F ; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 514/2008 fis-sens li l-isem ta’ D B u l-konnotati tieghu jigu kancellati u jigu sostitwiti bl-isem tal-konvenut E F u l-konnotati tieghu skond in-nota prezentata minnu fis-6 ta’ Jannar 2009.

L-ispejjez jigu sopportati mill-attrici proprio u mill-konvenut E F konguntivament, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------